

32003D0204

L 78/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

25.3.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Marzu 2003

biex temenda d-Deċiżżjoni Nru 97/569/KE li tirrigwardja d-dħul ta' l-istabbilimneti fl-Ungerija, l-Islovenja u r-Repubblika ta' Slovakkja fil-lista provviżorja ta' l-istabbilimenti ta' terzi pajjiżi minn liema l-Istati Membri awtorizzaw l-importazzjoni tal-prodotti tal-laħam

(notifikata taħt id-dokument K (2003) 832)

(Test b'rilevanza għall-EEE)

(2003/204/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżżjoni tal-Kunsill Nru 95/408/KE ta' 22 ta' Ġunju 1995 fuq il-kondizzjonijiet sabiex isiru, għall-perjodu ta' żmien, listi provviżorji ta' stabbilimenti ta' terzi pajjiżi minn liema l-Istati Membri huma awtorizzati li jimpurtaw ċerti prodotti li l-oriġini tagħhom ġeja mill-annimal ⁽¹⁾, prodotti tal-ħut jew mollusk bivalvi ħaj ⁽²⁾

Billi:

- (1) Listi provviżorji ta' stabbilimenti fit-terzi pajjiżi minn liema l-Istati Membri awtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam saru bid-Deċiżżjoni tal-Kummissjoni 97/569/KE ⁽³⁾, bħal ma ġiet emendata l-aħħar bid-deċiżżjoni 2002/671/KE ⁽⁴⁾.
- (2) L-Ungerija, l-Islovenja u r-Repubblika Slovakkja bagħtu listi ta' stabbilimenti li jipproduċu prodotti tal-laħam tal-kaċċa ferali għal-liema l-awtoritajiet responsabbli ċċertifikaw li dawn l-istabbilimenti huma konformi mar-regoli tal-Komunità.
- (3) Dawk l-istabbilimenti għandhom jiġu mdaħħla fil-lista li saret bid-Deċiżżjoni 97/569/KE.
- (4) Minħabba li spezzjonijiet fuq il-post għadhom ma sarux, importazzjonijiet minn dawn l-istabbilimenti mhumiex eliġibbli għat-tnaqqis ta' iċċekjar fiżiku skond l-Artikolu 2(4) tad-Deċiżżjoni 95/408/KE.

(5) Deċiżżjoni 97/569/KE għalhekk għandha tkun emendata kif suppost.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Food Chain u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżżjoni 97/569/KE hu emendat skond l-Anness għal din id-Deċiżżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' April 2003.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Marzu 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 17.

⁽²⁾ ĠU L 2, tal-5.1.2001, p. 21.

⁽³⁾ ĠU L 234, tas-26.8.1997, p. 16.

⁽⁴⁾ ĠU L 228, ta' l-24.8.2002, p. 25.

L-ANNESS

L-Anness I hu emendat kif ġej:

1. It-text li ġej hu mdaħħal f'L-Anness I f'dik il-parti li tikkonċerna l-Ungerija skond referenza nazzjonali

“País: Hungría — Land: Ungarn — Land: Ungarn — Χώρα: Ονγγαρία — Country: Hungary — Pays: Hongrie — Paese: Ungheria — Land: Hongarije — País: Hungría — Maa: Unkari — Land: Ungern

1	2	3	4	5
HU 50	Mavad-Vecsés Vadfeldolgozó Kft	Vecsés	Pest megye	VMZ
HU 68	Öreglaki Vadfeldolgozó Kft	Öreglak	Somogy megye	VMZ

PKF prodotti tal-laħam tal-kaċċa ferali.”

2. It-text li ġej hu mdaħħal f'L-Anness I f'dik il-parti li tikkonċerna s-Slovenja skond referenza nazzjonali:

“País: Eslovenia — Land: Slovenien — Land: Slowenien — Χώρα: Σλοβενία — Country: Slovenia — Pays: Slovénie — Paese: Slovenia — Land: Slovenie — País: Eslovénia — Maa: Slovenia — Land: Slovenien

1	2	3	4	5
31	MIP d.d. Salame Tolmin	Tolmin		VMZ, 1
747	Droga Izola	Izola		VMZ, 1

PKF prodotti tal-kaċċa ferali tal-laħam.

- 1 Laħam tal-ħanżir salvaġġ għandu jiġi trattat ta' l-anqas għat-ttrattament minimu kif stabbilit fid-Deċiżżjoni tal-Kummissjoni 97/222/KE Slovenja.”

3. It-text li ġej hu mdaħħal f'L-Anness I f'dik il-parti li tikkonċerna r-Repubblika ta' Slovakkja skond referenza nazzjonali:

“País: República Eslovaca — Land: Slovakië — Land: Slowakische Republik — Χώρα: Σλοβακική Δημοκρατία — Country: Slovak Republic — Pays: Slovaquie — Paese: Repubblica Slovacca — Land: Slowakije — País: República Eslovaca — Maa: Slovakian Tasavalta — Land: Slovakië

1	2	3	4	5
SK 77	Fons Slovakia spol. s r.o.	Nové Mesto nad Váhom	Trenčín	VMZ, 1

PKF prodott tal-kaċċa ferali tal-laħam.

- 1 Laħam tal-ħanżir salvaġġ għandu jiġi trattat ta' l-anqas għat-ttrattament minimu kif stabbilit fid-Deċiżżjoni tal-Kummissjoni 97/222/KE għar-Repubblika ta' Slovakkja.”